MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-23 ta' April, 2004

Appell Kriminali Numru. 208/2003

**Il-Pulizija**

**vs**

**Terry Joseph Camenzuli**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Terry Joseph Camenzuli talli fil-15 ta' Jannar, 2003 ghall-habta tat-8.35pm, waqt li kien fi Triq id-Dawwara, Victoria

1 saq vettura numru AAI-405 b' velocita` eccessiva;
2 naqas li jieqaf fuq 'StopSign';
3 b'imprudenza, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku habat ma vettura Numru WIL-015 u kkagunalha hsarat konsiderevoli [a dannu] ta' William Calleja minn Kercem;

4 barra minn hekk fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi kkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Franklyn Cauchi u griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Richard Vella li kienu passiggieri gol-vettura numru AAI-405 u dan skond kif iccertifika Dr Julian Portelli ta’ l-Isptar Generali, Ghawdex;

L-ewwel qorti kienet mitluba li f’kaz ta’ htija tapplika s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien li jidrilha li hu xieraq;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tad-29 ta’ Ottubru, 2003 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lil imsemmi Terry Joseph Camenzuli hati skond l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, hlief ghar-raba’ imputazzjoni limitatament ghall-griehi sofferti minn Franklyn Cauchi (fil-konfront tar-raba’ imputazzjoni in kwantu tikkoncerna lil dan Cauchi dik il-qorti ddikjarat procediment ezawrit) u kkundannatu multa ta’ hames mitt lira (Lm500) oltre li skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Terry Joseph Camenzuli, minnu prezentat fl-4 ta’ Novembru, 2003 li permezz tieghu talab ir-riforma tal-imsemmija sentenza fis-sens li tirrevokaha f’dik il-parti fejn sabitu hati u kkundanntu izda tikkonfermaha fejn iddikjarat procediment ezawrit;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-20 Frar, 2004; ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant hu, bazikament, li l-ewwel qorti interpretat hazin il-provi li kellha quddiemha, specjalment meta fis-sentenza taghha qalet li l-vettura tieghu (cioe` tal-appellant) ghaddiet bir-roti minn fuq il-*bonnett* tal-vettura WIL-015. Skond l-appellant hu ma kienx qed isuq b’velocita` eccessiva, u kienet il-vettura misjuqa minn William Calleja li fil-fatt baqghet diehla fil-genb tax-xellug tieghu, b’mod li huwa spicca habat ma’ hajt u inqaleb.

Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi kollha, hi tal-fehma li l-incident gara tort ta’ l-appellant. Anke jekk, ghall-grazzja

ta' l-argument, l-appellant ma kienx qed isuq b'velocita` eccessiva – u din il-Qorti hi propensa li taghtih il-beneficcju tad-dubbju f'dan ir-rigward – jibqa' l-fatt li jirrizulta kjarament li huwa naqas milli jieqaf fuq *stop sign* – li ghalkemm ftit car, xorta wahda kien jidher impingi fuq il-wicc tat-triq u kien precedut minn sinjal iehor, ukoll impingi fuq il-wicc tat-triq, li kien jghid *slow*. Ghalhekk l-appellant, meta gie biex johrog minn Triq id-Dawwara ghal go Triq il-Kercem – li hija *main road* – kellu mhux jirrallenta jew jimxi bil-mod hafna, kif jghid li ghamel, izda kellu jieqaf. Issa, anke jekk, ghall-grazzja ta' l-argument, l-i*stop sign* ma kienx jidher bizzejjed, specjalment fid-dlam – haga li din il-Qorti tqisha li hija ferm improbabbli – l-appellant kien dejjem tenut li jzomm *a proper lookout* hu u johrog minn Triq id-Dawwara ghal go Triq il-Kercem. Din il-Qorti ma tistax tifhem kif, meta fuq ix-xellug tieghu kellu triq dritta u ghalhekk vizwali tajba, l-appellant ma rax il-vettura ta' Calleja, u minflok baqa' hiereg. Thares kif thares lejn id-dinamika ta' l-incident, dak li huwa cert hu li kien l-appellant li kellu l-obbligu li jieqaf u jesplora sew it-triq – Triq il-Kercem – li kien ser jidhol fiha: l-appellant la waqaf u anqas esplora tajjeb, u kien b'rizultat ta' dan li grat il-habta. Ghalhekk din il-Qorti sejra tillibera lill-appellant mill-ewwel imputazzjoni – dik ta' sewqan b'velocita` eccessiva – izda sejra tikkonferma l-kumplament tas-sentenza. Ser ikun hemm aggustament zghir fil-piena in vista tal-fatt li l-appellant ser jigi liberat mill-ewwel imputazzjoni.

Ghall-motivi premessi, tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati skond l-ewwel imputazzjoni, u minnha tilliberah; thassarha u tirrevokaha wkoll f'dik il-parti fejn ikkundannatu multa ta' hames mitt lira u minflok tikkundannah multa ta' erba' mija u sittin lira (L460) (konvertibbli fi tnejn u disghin [92] gurnata prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi); u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Il-periodu ta' sena ta' l-iskwalifika tal-licenzja jibda jiddekorri minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------